# Is-Soċjetà tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fiż-Żejtun



Sr Carmen Valentino rscj

Kien is-26 ta' Ottubru 1978 meta s-Soċjetà tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' ġiet iż-Żejtun, xi xahrejn biss qabel ma spiċċa minn Arċipriet Mons Pantaleone Orland.

Il-fundatriċi ta' din is-Soċjetà, **Santa Madalena Sofija Barat**, twieldet f'Diċembru 1779, fil-belt ta' Joigny fi Franza. Barra li kienet umli ħafna, kellha qalb kbira u Alla żejjinha wkoll bid-don tal-intelliġenza u l-kapaċità li tagħrbel il-verità, kwalitajiet li tant kellha bżonn fil-pożizzjoni tagħha bħala fundatriċi. Kellha devozzjoni kbira lejn il-Qalb ta' Ġesù u xtaqet li l-Imħabba Tiegħu għall-bnedmin tkun magħrufa mad-dinja kollha.

Madalena Sofija trabbiet fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża u meta rat il-ħsara kbira li din ġabet magħha fis-soċjetà ta' żmienha, hija rat il-bżonn kbir li teduka lit-tfajliet għax fehmet x'influwenza importanti dawn kellhom fil-familji u hekk setgħet tgħin fil-bini ta' soċjetà Franċiża ġdida.

Biex tilħaq dan l-għan, hija fetħet skejjel u kulleġġi għat-tfajliet kif ukoll djar tal-irtiri. Kienet tħeġġeġ lis-sorijiet biex jużaw kull mezz sabiex iwasslu l-messaġġ tal-imħabba kbira li għandu Alla għalina l-bnedmin. Is-Soċjetà kibret u xterdet malajr mad-dinja kollha.

Is-Soċjetà tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ġiet f'Malta f'Awwissu tas-sena 1903 u waqqfet l-ewwel skola tagħha f'San Ġiljan. Fl-1946 beda, f'mod żgħir, it-*Teacher Training College* li aktar tard mar fil-kulleġġ mibni apposta f'Tal-Virtù. Illum il-binja qiegħda f'idejn id-Djoċesi bħala s-Seminarju.

Qabel il-Konċilju Vatikan 2, is-Soċjetà kienet tħaddan il-klawsura peress li s-sejħa tas-sorijiet kienet waħda ta' kontemplazzjoni u appostolat ta' edukazzjoni.

Wara l-Konċilju, is-Soċjetà tagħna, bħal ħafna kongregazzjonijiet oħra fi ħdan il-Knisja, ġiet mistiedna tħares u tirrifletti fuq il-bidu tal-kongregazzjoni u l-Kariżma partikulari tagħha u tagħmel it-tibdiliet neċessarji għaż-żminijiet tal-lum. Il-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni ġew riveduti u magħhom ġew tibdiliet kbar. Il-kongregazzjoni saret Istitut Appostoliku u għalhekk ma kienx hemm iżjed bżonn tal-klawsura.

Din fetħet orizzonti ġodda għall-membri tas-Soċjetà. Issa s-sorijiet setgħu jkunu iżjed qrib il-poplu ta' Alla u jibdew appostolati ġodda fil-parroċċi. Għalhekk inbeda proċess fejn ikun hemm komunitajiet żgħar fil-parroċċi. Iż-Żejtun intgħażel bħala wieħed minn dawn il-parroċċi peress li hemm ma tantx kien hemm komunitajiet reliġjużi tal-irġiel u tan-nisa. Matul dawn l-aħħar 36 sena, bosta kienu r-reliġjużi li għexu f'dar 'Il-Kenn' 76, Triq Sant Anġlu, min għal bosta snin u oħrajn għal ftit. Il-parroċċa taż-Żejtun laqgħet lis-Sisters b'ħafna ferħ u mħabba, u bosta kienu l-kuntatti li saru matul is-snin.

Sar ukoll ħafna appostolat, sew fid-dar kif ukoll fil-parroċċa. Id-dar kienet dejjem miftuħa għal kulħadd, għal kull min kellu bżonn xi għajnuna. Ġieli ġew nies għall-għajnuna bil-lejl! Kienu jsiru laqgħat ta' gruppi ta' talb kemm fid-dar kif ukoll fil-parroċċa. Kien hemm ukoll laqgħat ta' studju tal-Kelma t'Alla speċjalment tal-Vanġelju tal-Ħadd.

Tagħlim tad-duttrina f'żoni differenti sar min bosta membri matul is-snin. Għal xi żmien il-Ġiżwiti ta' l-Istitut ta' Paolo Freire kienu jiġu u jużaw il-parti kbira



Srs Madeleine Fenech, Carmen Valentino u Josephine Borg



Srs Tessie Agius, Rose Sammut u Helen Curmi

tad-dar biex jagħmlu klassijiet għat-tfal. Waqt il-ħin li t-tfal ikunu fil-klassijiet, waħda mir-reliġjużi kienet tieħu l-ġenituri u tiddiskuti magħhom xi suġġett importanti. Persuni oħra kienu jgħallmu l-Ingliż lil xi tfal u jgħinu wkoll xi adulti jippreparaw ruħhom għal xi eżamijiet.

Ħafna sorijiet kienu ministri tat-Tqarbin jew letturi u animaturi fil-Quddies tal-parroċċa. Kienu wkoll iżuru l-morda fid-djar u jagħtu t-Tqarbin lill-morda. Oħrajn kienu membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali għal ħafna żmien. Il-PIM (Parish Ignatian Ministry) dam isir ukoll fid-dar għal ħafna żmien u bosta persuni kienu jiġu akkompanjati fit-talb personali tagħhom.

Il-Fergħa tan-nisa tal-Leġjun ta' Marija fiż-Żejtun ukoll għal xi snin kienet tiltaqa' f'din id-dar kull ġimgħa.

Ta' kull sena l-komunità kienet torganizza Quddiesa fid-dar għall-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u ħafna kienu jattendu għal din il-quddiesa. Hawn ma nistgħux nelenkaw l-attivitajiet kollha l-oħra li saru matul dawn is-36 sena li konna fiż-Żejtun.

Sfortunatament, minħabba n-nuqqas ta' vokazzjonijiet, is-Soċjetà kellha tagħmel id-deċizjoni iebsa li tagħlaq din id-dar fiż-Żejtun.

Il-Ġimgħa 12 ta' Settembru 2014, l-Arċipriet Dun Nicholas Pace ċċelebra quddiesa ta' ringrazzjament fil-parroċċa ta' Santa Katarina. Is-Sorijiet kollha li għexu fiż-Żejtun huma kollha grati tal-opportunità li servew f'din il-parroċċa u jixtiequ jgħidu grazzi lil kulħadd għal dak kollu li rċevew u tgħallmu mingħandhom u jwiegħdu t-talb tagħhom.



